MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru 1252/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**NEVIN CASSAR**
**DARRYLE CAMILLERI**
**CODY CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Nevin Cassar ta’ 18-il sena, iben Mary Rose Cassar, imwieled il-Pieta’ nhar it-8 ta’ Frar 1992, residenti gewwa 53, Triq San Filippu, Birzebbugia u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 129492(M); Darylle Camilleri ta’ 19-il sena, iben Carmelo u Maria Dolores nee’ Mercieca, imwieled Pieta’ nhar it-22 ta’ Lulju 1991, residenti gewwa 50, Doreen, Triq it-Tankijiet, Birzebbugia u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 371891(M); Cody Camilleri ta’ 14-il sena, iben Mario u Wendy nee’ Bugeja, imwieled il-

Pieta’ nhar is-7 ta’ Dicembru 1995, residenti gewwa Amanda’s Flat, Block 10, Triq il-Gurghier, Birzebbugia u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 158296(M).

Illi huma akkuzati talli fit-23 ta’ Novembru 2010 ghall-habta tal-22:05hrs minn gewwa l-Mystic Stationery and Bazaar li jinsab gewwa Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbugia kkommetta serq ta’ erbat ic-cpiepet valur ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-vjolenza u bil-mezz u dan ghad-detriment ta’ Rosabelle Cutajar;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement f’Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe vetrina, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix l-elf, mija u ebgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma huwa aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta’ Rosabelle Cutajar;

Illi huma akkuzati wkoll talli fit-23 ta’ Novembru 2010 ghall-habta tat-20:30hrs gewwa Misrah Hamilkar Barka, Birzebbugia, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe *depositry box*, liema ammont ta’ hsara jiskorri l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment tal-Maltapost;

**<u>Lil Darryl Camilleri wahdu:</u>**

Akkuzat talli kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata it-23 ta’ Gunju 2010;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok.PC12) u dawk ta’ l-imputati (a fol.7 sa fol.9)

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputati zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, l-Qorti ssib lill-imputati Nevin Cassar, Darylle Camilleri u Cody Camilleri, hatja skond l-akkuza, ghajr ghat-tieni (2) akkuza ta’ ricettazzjoni, li minnha tilliberahom, stante’ li hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u wara li rat Artikoli 261, 262(1)(b), 263, 264, 270, 279, 280(2) u 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 7, 11, 18, 23 u 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tqieghed lill-imputati taht Combination Order fis-sens li tqieghed lil Nevin Cassar u Darylle Camilleri taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin kull wiehed taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat; tohrog ordni ta’ Community Service fil-konfront ta’ Nevin Cassar u Darylle Camilleri sabiex huma jahdmu mija u hamsin (150) siegha Community Service waqt illi tohrog Compensation Order kontra z-zewg imputati msemmija ghal disghin Euro (€90) kull wiehed li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur.**

**Ghal rigward Cody Camilleri, illi huwa minuri ta' erbatax (14)-il sena, b'applikazzjoni ta' Artikolu 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna hrug ta' Combination Order fil-konfront tieghu fis-sens li tqieghedu taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat; tordna l-hrug ta' Ordni ta' Community Service fil-konfront tieghu ghal mija u hamsin (150) siegha hidma, waqt illi tordna hrug ta' Compensation Order f'ammont ta' disghin Euro (€90) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali ta' l-imputati li m'hijiex mill-aktar rafrettarja u l-fatt illi l-imputat Cody Camilleri jibbenefika minn tnaqqis tal-piena skond il-Ligi stante' illi kien minuri meta kkommetta r-reati li bihom instab mixli.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------